# Mixegħla Tal-Festa Bit-Tazzi Taż-Żejt

Guido Lanfranco

Tiżjin bit-tazzi taż-żejt fuq barra daħal fit-tieni nofs tas-seklu dsatax. Ma ninsewx li f'dak is-seklu kienet qamet dik li bdiet tissejjaħ ir-rivoluzzjoni industrijali, meta vvintaw magni jaħdmu bl-istim, u ħafna xogħolijiet u snajja li qabel kienu jsiru bis-saħħa tal-idejn, issa bdew isiru bil-magni. Dan wassal biex bosta utensili u oġġetti oħra bdew isiru bil-mass production u bdew joħorġu aktar numerużi f'qasir żmien, bi prezzijiet baxxi biżżejjed li jintlaħqu minn kull kategorija ta' nies. Fost affarijiet oħra kien possibbli li jsiru eluf ta' tazzi tal-ħġieġ, trasparenti jew matti minn kull lewn li malajr bdew jidhru jsebbħu l-festi tagħna.

Kull tazza kienet ibbuzzata fit-tond li jkollha għafsa fil-għonq biex tispiċċa bix-xoffa maqluba 'l barra. Din l-għafsa fil-għonq tat-tazza ma kienetx biss aspett dekorattiv, imma kienet indispensabbli biex idawru magħha biċċa passaperla li tispiċċa b'ħolqa fil-ġenb tat-tazza biex din tista' tiddendel fejn ikun hemm bżonn. Dawn it-tazzi ma kinux jirranġawhom



fuq xfar, xkafef jew gwarniċuni, għax kienu jtiru mar-riħ jew jinqalbu malajr, imma kienu dejjem idendluhom bil-passaperla fuq qafas dekorattiv tal-ħadid jew tal-injam. F-ħafna festi, minflok pavaljuni kienu jdendlu t-tazzi fit-toroq skjarati f'disinji mill-isbaħ, ukoll jiffurmaw linef imdendlin jew dwal u brazzi f'idejn l-anġli armati fuq il-kolonni. Bl-ilwien imqabbla apposta u maħsuba minn qabel, kienu jagħtu dehera mill-aktar sabiħa.



Eluf ta' tazzi kienu jinkrew mingħand kuntrattur jew aġent li kien ikollu n-nies tiegħu imħarrġin apposta biex jarmaw u jixegħlu t-tazzi taż-żejt fil-festi. Meta t-tazzi jkunu kollha mdendlin mad-disinji fuq il-faċċata tal-knisja u matul it-toroq kien imiss li jimlewhom sa nofshom biż-żejt. Għal dan ix-xogħol kienu jużaw is-sellum, imma għal-faċċati tal-knejjes kien hemm irġiel tal-prattika li jiddendlu minn fuq għal isfel, jitbandlu u jiċċaqalqu skont il-bżonn waqt li jferrgħu iż-żejt minn ġo landa jew kanna apposta. Għal min jaħdem bis-sellum din il-landa jkollha ganċ biex jaqbad u jserraħ mal-iskaluni.

F'kull tazza kienu jdaħħlu ċimblor. Dan kien ikun magħmul minn biċċa landa mibruma qisha sigarrett u lejn it-tarf t'isfel il-landa kienu jqasqsulha tlitt-ixquq biex jitgħawġu 'l barra bħal saqajn ta' tripied u ċ-ċimblor jieqaf fuqhom. Fit-tubu taċ-ċimblor idaħħlu ftila u jitqiegħed ġewwa t-tazza.

Biex jixegħlu l-ftejjel kienu jilħqu t-tazzi bil-ħbula jew bis-sellum u jużaw landa jew miċċa magħmula apposta. Din il-landa kienet ta' għamla konika, tonda fil-qiegħ u tispiċċa bil-ponta fuqnett. Fil-ġenb kellha żernuna twila u dejqa bi ftila ġo fiha. Kienu jimlew din il-landa bil-pitrolju u jixegħlu l-ftila li tkun ħierġa ftit barra miż-żernuna. Biex jixegħlu ċ-ċimblor kienu jqattru qtar tal-pitrolju fuqu minn din il-landa konika. Billi l-pitrolju jkollu jgħaddi minn gol-ftila taż-żernuna li tkun mixgħula qisha musbieħ, il-qatra pitrolju kienet toħroġ taqbad qisha lsien tan-nar, tolqot il-ftila taċ-ċimblor u din tixgħel fit-tazza.[1]

Fil-festi tal-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema jitfakkar li fl-1888 kellhom tazzi jżejnu t-toroq ta' qrib il-knisja, u sal-1893 kellhom kull lewn mal-faċċata tal-knisja u mat-toroq kollha tal-proċessjoni.[2]

Għal xi festi fil-Belt, mhux biss it-toroq, imma wkoll il-kolonni tal-bibljoteka nazzjonali u xi bini ieħor kienu jiżżejnu bit-tazzi.[3]

Għaċ-ċentinarju ta' San Pawl li kien sar fl-1858 il-bibljoteka kienet imżejna kif semmejna u f'toroq prinċipali ntużaw eluf ta' tazzi, fost oħrajn

15,000 tazza fi Triq Rjali (issa Triq ir-Repubblika), l-istess fi Triq Merkanti u 20,000 fi Triq San Pawl.[4] (dak iż-żmien kienu għadhom bl-ideja li San Pawl ġie Malta fis-sena 58, imma sa nofs is-seklu għoxrin saru studji oħra u s-sena tal-miġja ta' San Pawl ġiet



definita bħala s-sena 60, għalhekk il-festi ċentinarji li kien imiss saru fl-1960). Okkażjoni speċjali oħra kienet meta fl-1863 l-Għawdxin laqgħu lill-isqof ġdid tagħhom, Michele Buttigieg. Minbarra kull xorta ta' manifestazzjonijiet u tiżjin, kellhom mixegħla ta' eluf ta' tazzi taż-żejt.[5]

Id-definizzjoni tad-domma ta' l-Immakolata saret mill-Papa fit-8 ta' Diċembru 1854 u wara, bħala eżempju, ngħidu li mit-12 sal-14 ta' Jannar, f'Bormla, saru l-festeġġamenti u kellhom kullimkien armat bit-tazzi, nkluż l-ark trijonfali gotiku li tellgħu għall-okkażjoni.[6]

Okkażjoni speċjali oħra meta ntużaw eluf ta' tazzi taż-żejt kuluriti, kienet mis-6 sal-10 ta' April 1876 meta l-Prinċep ta' Wales wasal wasla sa Malta. Piazza San Giorgio, jew il-Main Guard, kienet kollha mżejna bihom f'disinji mill-isbaħ, bit-tazzi wkoll jiffurmaw il-kliem Welcome Albert Edward Prince of Malta fuq xifer il-bini kantuniera ma' Triq it-Teatru. Il-pittur Girolamo Ganni għamel tpinġija li tfakkar din il-ġrajja u juri sewwa din il-mixegħla li qed insemmu.[7]

Nistgħu ngħidu li kullimkien kienu jużaw it-tazzi għad-dwal tal-festi. F'xi mkejjen kien ikollhom kemm fjakkoli kif ukoll tazzi. Żmien il-qlib tas-sekli 19 u 20 kien hawn apparat għal mixegħla bil-gass tal-aċitelena. Kien daħal ukoll il-gass l-ieħor għat-tisjir u d-dawl, gass li kien kien jgħaddi għad-djar minn pajpijiet taċ-ċomb u kellu ċ-ċentri tiegħu fil-Marsa u fil-Kalkara. Sadattant fl-aħħar snin tas-seklu dsatax l-elettriku beda jservi l-Belt u l-Furjana u wara kompla jinfirex f'postijiet oħrajn. Imma l-elettriku mhux kullimkien laħaq daħal
fl-istess żminijiet. Kien hemm djar u knejjes li
sas-snin erbgħin kien għad ma kellhomx dik il-faċilità. Fost oħrajn nistgħu ngħidu li l-faċċata tal-knisja ta' Ħal Balzan damet tiżżejjen bit-tazzi taż-żejt sal-1949, għalkemm ġa kellhom l-elettriku fl-1925 imma mill-1950 t-tazzi bidluhom ma' xi 800 bozza ta' l-elettriku.[8]

Kien isir ħafna xogħol għall-armar tal-mixegħla ta' dari imma issa tista' tqabbad tifel ċkejken jagħfas swiċċ biex f'sekonda jixgħel jew jitfi kullimkien!

**Referenzi**


1 Lanfranco, Guido (2007) Il-mixegħla bil-fjakkoli u t-tazzi taż-żejt sa nofs is-seklu XX f'Bejn storja u drawwa p.142-150
2 Zammit, Winston L. (2000) Tas-Sliema fis-seklu XIX p.245
3 Ganado, Herbert (1974) Rajt Malta tinbidel II p.14
4 Ganado, Herbert (1977) Rajt Malta tinbidel IV p.262
5 Bezzina, Joseph (1985) Religion and politics in a crown colony p.276
6 Aquilina, Sunny (1997) f'Michael Schiavone L-istorja tal-każini tal-baned f'Malta p.28
7 DePiro, Nicholas (2003) The quality of Malta p.72-73
8 Dimech, Ġwann (2004) Ħal Balzan, ġrajjietu sal-1999 p.116, 210



